22000D0018

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 18/2000

tat-28 ta' Jannar 2000

li temenda l-Anness XIV (Kompetizzjoni) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIV għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 84/97 tat-12 ta' Novembru 1997 ([1]);

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftehma ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim;

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 jieħu post, b'effett mill-1 ta' Ġunju 2000, ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nri 1983/83 u 1984/83 tat-22 ta' Ġunju 1983 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat tal-KE għall-kategoriji ta' ftehim essklussiv ta' distribuzzjoni ([3]) u ftehim essklussiv ta' xiri ([4]) rispettivament, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1582/97 ([5]), u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4087/88 tat-30 ta' Novembru 1988 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal kategoriji dta' ftehim ta' franchise ([6]), li huma nkorporati fil-Ftehim u li għalhekk għandhom jiġu mibdula taħt il-Ftehim b'effett mill-1 ta' Ġunju 2000;

(4) Madankollu,, minħabba li l-perjodu ta' validità tar-Regolamenti (KEE) Nri 1983/83, 1984/83 u 4087/88 skada fil-31 ta' Diċembru 1999, ir-Regolament (KE) Nru 2790/1999 jestendi l-perjodu ta' validità ta' dawn l-istrumenti sal-31 ta' Mejju 2000; l-istess estensjoni għandha tapplika taħt il-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Fil-punt 2 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1983/83) fl-Anness XIV għall-Ftehim l-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud:

"– **399 R 2790**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 336, tad-29.12.1999, p. 21)."

([1]) ĠU L 160, ta' l-4.6.1998, p. 42.
([2]) ĠU L 336, tad-29.12.1999, p. 21.
([3]) ĠU L 173, tat-30.6.1983, p. 1.
([4]) ĠU L 173, tat-30.6.1983, p. 5.
([5]) ĠU L 214, tas-6.8.1997, p. 27.
([6]) ĠU L 359, tat-28.12.1988, p. 46.

2. Fil-punt 3 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83) fl-Anness XIV għall-Ftehim l-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud:

"– **399 R 2790**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 336, tad-29.12.1999, p. 21)."

3. Il-Punt 8 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4087/88) ta' l-Anness XIV tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Li ġej għandu jiġi miżjud qabel l-addattamenti:

", kif emendat bi:

– **399 R 2790**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tat-22 ta' Diċembru 1999 (ĠU L 336, tad-29.12.1999, p. 21)."

2. L-addattament (j) għandu jiġi mħassar.

Artikolu 2

L-Anness VIV għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej b'effett mill-1 ta' Ġunju 2000:

1. It-titolu tal-Kapitolu B "**FTEHIM ESSKLUSSIV TA' NEGOZJAR**" għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"**FTEHIM VERTIKALI U PRATTIĊI MIFTEHMA**".

2. It-test tal-Punt 2 (Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1983/83) ta' l-Anness XIV għall-Ftehim għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"**399 R 2790**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tad-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi mifTehma (ĠU L 336, tad-29.12.1999, p. 21).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-għanijiet tal-Ftehim, jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

(a) fl-Artikolu 6, il-fraži 'bi qbil ma' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 19/65/KEE' għandu jaqra 'jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' l-awtorità ta' sorveljanza l-oħra jew Stat li jaqa' fi ħdan il-kompetenza jew ta' persuni naturali jew legali li jippretendu interess leġittimu';

(b) dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-aħħar ta' l-Artikolu 6:

'L-awtorità kompetenti ta' sorveljanza tista' f'każijiet bħal dawn toħroġ deċiżjoni bi qbil ma' l-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KEE) Nru 17/62, jew id-dispożizzjonijiet li jikkorrespondu mbassra fil-Protokoll 21 għall-Ftehim taż-ŻEE, mingħajr ma tkun meħtieġa ebda notifika mill-impriżi involuti.'."

3. It-test ta' punt 3 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1984/83) għandu jiġi mħassar).

4. It-titolu tal-Kapitolu E (Ftehim ta' *Franchising*) u t-test tal-punt 8 (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4087/88) għandu jiġi mħassar.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet rispettivi tal-lingwa għal din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Jannar 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2000.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Jannar 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.